# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# IMHALLEF
# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tal-Hamis, 20 ta' Jannar, 2000.**

**Numru: 2**

**Citazzjoni Numru:  869/94 JF**

**Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon, bhala rapprezentant tas-socjeta' Formosa & Camilleri Ltd., u dina bhala agenti Malta tas-socjeta' assikurattrici estera Guardian Royal Exchange Assurance Plc, surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha s-socjeta' M. Demajo (Timbers) Limited u b'nota ta' l-10 ta' Marzu, 1999 l-avukat Dr Joseph Zammit McKeon bhala rapprezentant tas-socjeta' Atlas Insurance Agency Limited agenti Malta tas-socjeta' estera Guardian Royal Exchange Assurance plc surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha s-socjeta' M. Demajo (Timbers) Ltd. assuma fil-vesti ta' attur fil-kwalita' tieghu premessa**

**l-atti tal-kawza minflok is-socjeta' Formosa & Camilleri Ltd.**

**vs**

**Frederick M. Frendo u Simon Bajada, ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Palm Shipping Agency Ltd., u din bhala agenti f'Malta tas-socjeta' estera Amasus Shipping B.V., trasportaturi tal-merkanzija de qua: u**

**Godwin Abela, ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur nomine li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi s-socjeta' M. Demajo (Timbers) importat minn Spanja ghoxrin (20) bundles ta' fibreboard, li gew trasportati lejn Malta mis-socjeta' estera Amasus Shipping B.V., fuq il-bastiment DINA JACOBA (dok. 1 u 2);

U premess illi l-bastiment wasal Malta fit-13 ta' Awissu 1993 (Dok. 3), u meta l-importatur mar jirtira l-merkanzija, huwa sab tliet (3) bundles nieqsa kif jirrizulta fis-Schedule tal-Information Form preparat mis-surveyor tal-Institute of Underwriters (Dok. 4) u seta' ghalhekk jirtira biss sbatax (17)-il bundle (Dok. 5);

U premess illi ghan-nuqqas li garrab l-importatur, is-socjeta' assikuratrici attrici, kif obbligata, hallset is-somma ta' elf mitejn erbgha u erbghin lira (Lm1244) li minnhom mitt lira (Lm100) kienu survey fees, u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tal-importatur (Dok. 6);

U premess illi s-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghan-nuqqas fuq riferit;

Talab li din il-Qorti:

1. Tiddikjara responsabbli lis-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, ghan-nuqqas fuq indikat;

   u

2. Tikkundannahom nomine, jew min minnhom, li jhallsu lill-attur nomine s-somma ta' elf mitejn erbgha u erbghin lira (Lm1244) li minnhom mitt lira (Lm100) kienu survey fees, in linea ta' danni subiti mill-importatur u surrogati lill-attur nomine bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni, fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela nomine, fejn eccepixxa:-

1 Illi preliminarjament it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut nomine huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-merkanzija "de quo" giet sbarkata minn fuq il-vapur bin-nuqqas kif jirrizulta mill-Joint tally sheets hawn annessi.

2. Illi fit-tieni lok il-konvenut Godwin Abela nomine jissolleva li ma' kienx fi kwalunkwe kaz responsabbli ghall-kwalunkwe hsarat u nuqqas allegati mis-socjeta' attrici u dana ai termini tar-Regolament Nru. 86 dwar il-Portijiet, 1966.

3. Illi fit-tielet lok ghandha tigi esebita l-polza ta' assigurazzjoni li a bazi taghha qed jigi allegat li sar il-hlas lill-impurtatur u ghandu jigi esebit ukoll ic-cheque li bih sar il-pagament.

4. Illi fir-raba' lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandu jigi ppruvat kif l-attur wasal ghall-ammont ta' Lm1244.00,0 bhala allegati danni.

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghall-premess ma hemm ebda nteressi dovuti u dan stante li si tratta dwar azzjoni ta' danni u li ghad irid jigu likwidati u ppruvati fil-kawza nnifisha.

6. Illi fis-sitt lok u bla pregudizzju ghall-premess l-ebda nteressi m'huma dovuti stante li s-socjeta' attrici allegatament hallset a bazi tal-obbligazzjonijiet taghha skond il-polza u di piu m'hemm ebda surroga ghar-rigward l-istess interessi u s-surroga hija limitata ghall-ammont deskritt fl-istess somma.

7. Illi fis-seba' lok u bla pregudizzju ghall-premess is-survey fees huma ghall-kollox esagerati stante li l-ammont ta' Lm100.00,0 bhala survey fees saru proprio mis-socjeta' attrici proprio u m'hemm ebda surroga ghar-rigward ta' l-istess.

8. Illi fit-tmien lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandha tigi esebita ukoll il-Bill of Lading bil-kundizzjonijiet kollha deskritti fuq l-istess Bill of Lading.

9. Illi ai termini tal-Artikolu 70 tal-Port Regulations 1966 sub-inciz (3) dwar unitised cargo (amended by Legal Notice 28/73) u l-Artikolu 6 tal-Port Ordinance sub-inciz (3) u ghal dawn ir-ragunijiet it-talbiet attrici ghandhom jigu rispinti bl-ispejjez kontra l-attur nomine.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Frederick Frendo et nomine fejn eccepixxa illi:-

1. Preliminarjament illi l-qrati Maltin m'ghandhomx gurisdizzjoni illi jisimghu u jiddeciedu l-vertenza kontra l-eccipjent, stante li huwa gie citat biss fil-kwalita' tieghu bhala allegat agent ta' socjeta' estera fuq liema socjeta' ma hemm l-ebda gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin ghar-rigward din il-vertenza;

2. Preliminarjament ukoll, u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni illi s-socjeta' Palm Shipping Agency Ltd., m'hix agent u ma tirrapprezentax lis-socjeta' estera Amasus Shipping BV. liema socjeta' estera m'ghandha x'taqsam xejn mal-armaturi tal-vapur MV Dina Jacoba, u li wkoll minn semplici harsa lejn il-polza tal-karigu (Dok. K1) jirrizulta li l-proprjetarji huma socjeta' estera bl-isem Rederij Loosman & Ten Napel URK, u li ghalhekk l-attur nomine ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet suesposti illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, inkwantu rivolti lejn l-eccipjent, u ghandhom jigu

michuda bl-ispejjez kontra l-attur nomine, stante li skond it-tally sheets iffirmati minn rapprezentant ta' Palm Shipping Agency Ltd., bhala agent dak iz-zmien tal-vapur, kif ukoll minn rapprezentant tas-socjeta' armatrici tal-vapur, u rapprezentant tal-Cargo Handling Company Limited, gew ikkonsenjati lill-istess Cargo Handling Company Limited, 733 'bundle'm tal-injam, li ma jikkostitwixxi l-ebda nuqqas min-numru ta' 'bundles' li gew originarjament mghobbija fuq il-vapur;

4. Illi s-socjeta' M. Demajo (Timber) Limited kienet accettat u ddikjarat bil-miktub illi in kwantu ghall-polza tal-karigu msemmija mill-attur nomine u pprezentata mill-attur bhala Dok 1, ma kien hemm l-ebda nuqqas, u li l-konsenja tal-merkanzija kif ikkwantifikata u deskritta fl-istess polza, kienet kompleta u tali.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti u semghet lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza u senjatament id-decizjoni taghha in parte in data tal-20 ta' Marzu 1996 li biha (ara fol. 54 sa fol. 63) gie deciz li l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni hija nfondata u li ghalhekk giet michuda l-eccezzjoni preliminari f'dan is-sens sollevata mis-socjeta' konvenuta 'Palm Shipping Agency Ltd.' bl-ispejjez kontriha.

Rat ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur nomine;

Ikkunsidrat li din hija kawza komunement maghrufa bhala 'marine cargo claim', li b'talba ghal rizarciment ta' danni allegatament sofferti mill-assigurat

tal-attur nomijne, lie gie ndennizzat u dan l-istess assigurat issurroga d-drittijiet tieghu lill-attur nomine. L-attur nomine qieghed jitlob, in linea ta' danni, li jithallsu lilu l-ammont kumplessiv ta' elf mitejn u erbgha u erbghin lira maltin (Lm1,244), li fih hemm inkluz l-ammont ta' mitt lira (Lm100) bhala 'survey fees'.

Illi mill-provi jirrizulta li fit-13 ta' Awissu 1993 wasal Malta l-bastiment 'Dina Jacoba' b'zewg partiti 'fibre-board' trasportati Malta b'inkariku tas-socjeta' Amasus "Shipping B.V.", li taghha l-konvenuti Frederick M. Frendo u Simon Bajada nomine kienu agenti u dawn in kwantu kienu qeghdin jirrapprezentaw lis-socjeta' "Palm Shipping Agency Limited". Partita minnhom kienet koperta b'polza ta' kariku numru 21 u twasslet shiha u bla rimarki ghand id-destinarju filwaqt li l-ohra, koperta b'polza ta' kariku bin-numru 22 u li kellha tikkontjeni ghoxrin (20) bundle giet ricevuta mill-istess importatur tal-ewwel kunsinna bi tliet (3) bundles neqsin ('short delivered'). Appena skopert dan in-nuqqas, l-importatur informa lis-socjeta' konvenuta, agenta tat-trasportatur pero' bi zball - ikkjarifikat u korrett ftit jiem wara - kitbilhom ukoll li relativament ghall-partita bil-polza ta' kariku numru 22 (dik in kawza, jigifieri) huma ma kellhomx ilmenti billi n-nuqqasijiet kienu fil-kunsinna l-ohra, mentri rrizulta l-oppost. Dan l-izball gie korrett b'ittra sussegwenti esebita fl-atti tal-kawza - (ara ittra Dok 7, a fol. 44 tal-process) u kkonfermata bix-xhieda ta' Albert Tedesco. Kwindi, ebda wiehed mill-konvenuti nomine m'ghandu jiehu xi vantagg minn 'oversight' genwin. Jirrizulta li sar 'joint tallying' taht is-supervizjoni ta' rapprezentanti taz-zewg socjetajiet konvenuti u anke inhareg 'gate pass out' - frankament pero' ghandu jigi rilevat li mill-provi li gew prodotti dawn il-proceduri u dokumenti in sostenn ma huma xejn attendibbli u dana principalment dovut ghall-fatt li saret konfuzjoni bejn iz-zewg konsenji riecevuti t-tnejn dakinhar. L-ghadd kollu ta' 'bundles' skond iz-zewg poloz ta' kariku kellu jkun ta' sebgha u hamsin (57). Issa fil-kaz tas-socjeta' konvenuta Palm

Shipping Agency Ltd. kien hemm avarija ta' 22 bundles, filwaqt li fil-kaz tal-Cargo Handling Co. Ltd. kien hemm avarija ' inferjuri ta' 15-il bundle. Oltre dan, hemm imbaghad irregistrat divergenza ohra fl-ghadd ta\ 'bundles' li suppost gew irrilaxxjati lill-importatur.

Illi dak li jirrizulta invece bic-car hu li miz-zewg konsenji 'de quo' l-importatur ircieva b'kollox erbgha u hamsin 'bundles' (54). Issa dan mela jfisser, kif sostna l-attur nomine fin-nota tieghu, li filwaqt li l-konsenja ta' 37 'bundles' waslet kollha, l-ohra (bil-polza ta' kariku numru 22) twasslet lill-importatur bi tliet (3) 'bundles' neqsin, u cjoe' bi 17-il 'bundle' biss minflok 20 kif suppost, u allura dan jallacja perfettament mat-tezi attrici. Illi hemm provi sufficjenti li juru li tabilhaqq li kunsinna minnhom kien hemm 3 'bundles' neqsin. Issa billi z-zewg socjetajiet konvenuti naqsu fil-'joint tallying' li jiddistingwu kunsinna minn ohra u kienu imprecizi sew f'xogholhom, allura fil-fehma ta' din il-Qorti ghandhom jigu ritenuti t-tnejn li huma responsabbli ndaqs di fronte l-attur nomine.

Illi kwantu ghas-'survey fees' din il-Qorti tirraviza zewg ostakoli, wiehed legali u l-iehor fattwali. Legalment ma jistax jinghad li kien hemm xi danni jew xi hlas maghmul mill-attur nomine lill-assikurat tieghu u kwindi s-surroga kellha tkopri biss id-danni attwali mhallsin lill-assikurat. Proceduralment l-attur nomine kellu mod iehor kif iharrek addizzjonalment lill kontroparti pero' jidher li m'ghazilx tali metodu. 'Di fatto' imbaghad jigi wkoll rilevat hawn non si trattava ta xi 'survey' jew ezami ta' xi danni riportati fuq il-merkanzija. Li gie rriskontrat hu li fil-mument li l-importatur ircieva l-konsenja, anzi tnejn f'daqqa f'dan il-kaz, dan l-importatur innota li kien ircieva tliet 'bundles' neqsin. Ghamel allura 'claim' f'dan is-sens mal-kumpanija li assiguratu, u din hallsitu wara li accertat li l-ilment kien fondat. Certament minn imkien ma jirrizulta li ghal dina l-accettazzjoni kellhom jizdiedu mad-danni relativi ghall-prezz tal-

merkanzija li ma gietx mghoddija lill-importatur, l-ammont addizzjonali ta' mitt lira maltin (Lm100) kif jippretendi l-attur nomine. Illi ghalhekk id-danni intieri kienu fl-ammont ta' elf mija u erbgha u erbghin lira maltin (Lm1,144) komprizi interessi mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sal-hlas effettiv.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi filwaqt li taghmel mill-gdid referenza ghad-decizjoni taghha preliminari moghtija minna fl-20 ta' Marzu 1996 dwar gurisdizzjoni - a spejjez tas-socjeta' Palm Shipping Agency Ltd u filwaqt ukoll li tilqa' biss is-seba' (7) eccezzjoni sollevata mill-konvenut Godwin Abela nomine dwar is-'survey fees', u tichad ghalhekk l-eccezzjonijiet l-ohra kollha taz-zewg socjetajiet konvenuti tilqa' t-talbiet attrici kontra z-zewg socjetajiet konvenuti bir-responsabbilta' tinqasam b'mod indaqs fuqhom it-tnejn u b'dan ukoll li l-ammont tad-danni qed jigi ridott ghas-somma ta' Lm1,144, bl-interessi kif fuq inghad (data tal-prezentata tal-att tac-citazzjoni sal-hlas effettiv) u bl-ispejjez gudizzjarji jinqasmu nofs bin-nofs bejn iz-zewg socjetajiet konvenuti minbarra dawk relativi ghas-sentenza preliminari surreferita.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat registratur

md